## Aġġornament dwar ir-rapport

### - Ir-rapport tal-eżaminaturi

Tradizzjonalment, konna ngħallmu li r-rapport għandu jinkiteb f'paragrafu *wieħed* minħabba li fih nirrappurtaw attività *waħda*. B'danakollu, fir-Rapport tal-Eżaminaturi dwar l-Eżamijiet tal-2016, il-MATSEC issuġġerixxa li jibda jinqasam fi tliet partijiet:

> Mir-rapport tal-eżaminaturi taċ-ĊES ta' Mejju 2016:
>
> "Xi wħud mill-kandidati użaw format ħażin, speċjalment dawk li nqdew bil-format tal-ittra jew tal-*email*, jew li kitbu avviż jew reklam. Oħrajn naqsu li jagħtu d-dettalji u l-fatti tal-attività kif kien mitlub minnhom. Kien hemm xi wħud li ma ħaddmux il-punteġġjatura – ġieli f'rapport sħiħ ma ssibx full stop waħda jew ma jintużawx l-ittri kapitali. **Oħrajn l-ideat differenti li semmew ma qassmuhomx f'paragrafi.** Barra minn hekk, uħud ma fehmux x'kien mistenni minnhom u ħarġu barra mis-suġġett. Kien hemm ukoll min ma tax titlu xieraq lir-rapport."

### - Suġġerimenti dwar it-tqassim

Hawn taħt issib xi suġġerimenti dwar kif tista' tqassam ir-rapport:



- L-introduzzjoni
  *Irrapporta d-dettalji l-aktar bażiċi b'rabta mar-rapport, bħall-post, id-data u l-ħin, u t-tip t'attività. Madwar żewġ sentenzi għandhom ikunu biżżejjed.*

- Il-qofol
  *Irrapporta l-attività nfisha billi tagħti aktar dettalji: Min kien involut? Għaliex ittellgħet? Xi tħejjijiet saru għaliha? Dan il-paragrafu għandu jkun l-itwal wieħed mit-tliet paragrafi.*

- Il-konklużjoni
  *Irrapporta kif intlaqgħet l-attività: Kienet attività ta' suċċess jew kien hemm xi diżappunti? Se terġa' ssir? Għaliex? Jekk qed tirrapporta inċident, x'passi se jittieħdu issa li seħħ? Madwar żewġ sentenzi għandhom ikunu biżżejjed.*

Sintendi, dan it-tqassim għandkom taddattawh skont it-titlu tar-rapport. Punti oħra relatati mar-rapport (bħad-data u l-post fuq nett, flimkien mat-titlu) jibqgħu relevanti. Tinsewx tużaw stil formali u tirrappurtaw fit-tielet persuna. Tiffirmawx isimkom fl-aħħar tar-rapport.

© K. Azzopardi, 2017